# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 18**

**Rikors numru 55/22/1 CFS**

**Ramon Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Ottubru 2022 li biha ċaħdet it-talba sabiex jiġi dikjarat li sofra, qiegħed isofri jew x'aktarx isofri ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-kawża kriminali r**-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech** (att tal-akkuża 17/2014) peress li xhieda ta' ċertu Simon Linton Sancto ma tista' qatt tifforma prova kontra l-attur.

2. Il-Qorti tal-ewwel grad spjegat il-fatti:

> *"10. Fil-15 ta' Lulju, 2010, il-Pulizija ħarrket lil Ramon Fenech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-7 ta' Diċembru, 2005 u matul ix-xhur*

*ta' qabel, huwa kellu fil-pussess tiegħu u qassam id-droga estasi lil ħaddieħor mingħajr il-permess tas-Sovrintendent tas-Saħħa Pubblika;*

*11.Waqt is-seduti tat-30 ta' Settembru, 2010, tas-16 ta' Frar, 2011 u tas-17 ta' Frar, 2011 miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tressaq bħala xhud Simon Linton Lancto (ara paġni 22 sa 62 tal-atti tal-kawża);*

*12.Aktar tard, fuq ammissjoni tiegħu stess, Simon Linton Lancto ġie ddikjarat ħati b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-21 ta' Frar, 2011, li wettaq reati marbuta mat-traffikar, it-tqassim u l-pussess illegali ta' drogi, fosthom l-estasi (ara paġni 66 sa sa 81 tal-atti tal-kawża);*

*13.Malli ġiet mitmuma l-kumpilazzjoni tal-każ kriminali kontra Ramon Fenech, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Istruttorja ddikjarat li kien hemm biżżejjed provi sabiex Fenech jitqiegħed taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali;*

*14.Din l-att ta' akkuża bin-numru ta' riferenza 17/2014 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech**, ħarġet aktar tard mill-Avukat Ġenerali;*

*15.B'nota ppreżentata fit-22 ta' Ottubru, 2014 taħt l-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**, Ramon Fenech ressaq għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa minnu kien hemm dik li x-xiehda ta' Simon Linton Lancto ma tiswiex għaliex meta din ingħatat Simon Linton Lancto kien għadu ko-akkużat;*

*16.B'sentenza mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2016, il-Qorti Kriminali ċaħdet din l-eċċezzjoni ta' Ramon Fenech għaliex qalet li x-xiehda ta' Simon Linton Lancto setgħet titressaq skont l-**artikolu 121B tal-Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*17.Din is-sentenza ġiet appellata minn Ramon Fenech iżda l-appell tiegħu ġie miċħud b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali għar-raġunijiet differenti minn dawk mogħtija mill-Qorti Kriminali. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li ladarba l-proċeduri kriminali ta' Simon Linton Lancto llum jinsabu magħluqa, allura kull xiehda li dan ta fl-inkjesta maġisterjali u kull xiehda li ta waqt l-istruttorja hija issa ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront, meta dan jitressaq bħala xhud waqt il-ġuri;*

*18.Ftit inqas minn ħames snin wara din is-sentenza, eżattament fis-27 ta' Jannar, 2022, Ramon Fenech għoġbu jressaq din il-kawża kostituzzjonali;"*

3. B'rikors tas-27 ta' Jannar 2022 l-attur talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex:

*"i. Tiddikjara li l-esponent sofra, qiegħed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu x-xiehda ta' Simon Linton Lancto, persuna li dakinhar li xehed fil-kawża tiegħu, kienet għadha ma għadditx in ġudikat, ma tista' qatt tifforma stat ta' prova kontra l-esponent;*

*ii. Tordna li x-xiehda mogħtija minn Simon Linton Lancto nhar is-16 u s-17 ta' Frar, 2011 tiġi dikjarata inammissibbli u konsegwentement tiġi estromessa mill-inkartament tal-provi kontra l-esponent, b'dan li ma għandu jsir l-ebda referenza għaliha waqt il-kors tal-ġuri;*

*iii. Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent;"*

4. L-Avukat tal-Istat wieġeb u *inter alia* argumenta li l-Qorti tal-ewwel grad m'għandhiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza. Żied li x-xhieda ta' Simon Linton Sancto ttieħdet skont il-liġi u m'hemmx ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq tal-attur, kif ukoll l-attur ser ikollu l-opportunità li jagħmillu kontroeżami.

5. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru 2002 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:

***"Deċiżjoni***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Ramon Fenech, bl-ispejjeż kollha ta' din il-kawża jitħallsu minnu bħala l-parti telliefa".*

6. Ir-raġunament tal-Ewwel Qorti *inter alia* kien:

*"39. It-**tieni eċċezzjoni** tal-Avukat tal-Istat hija li din il-qorti ma tistax tiddeċiedi jekk il-qrati kriminali ddeċidewx tajjeb meta ċaħdu l-ilment ta' Fenech dwar l-inammissibbilità tax-xiehda ta' Simon Linton Lancto;*

*40. Tassew huwa miżmum fil-ġurisprudenza li bil-kliem «smigħ xieraq» wieħed jifhem li l-proċess ġudizzjarju jkun tmexxa b'ħarsien tar-regoli stabbiliti fil-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew il-**Konvenzjoni Ewropea**. Għalhekk, l-irwol ta' din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, mhuwiex dak li tagħmilha ta' qorti ta' appell fuq il-qrati ta' kompetenza kriminali li taw is-sentenzi li minnhom qiegħed jilmenta r-rikorrent. Fi kliem ieħor, għalkemm qorti b'kompetenza kostituzzjonali tista' tħassar sentenza ta' qorti oħra, madankollu dan tista' tagħmlu mhux għax hija ma tkunx qiegħda taqbel mal-konklużjoni li tkun waslet għaliha dik il-qorti l-oħra, iżda għax is-sentenza tal-qorti l-oħra tkun ingħatat fi proċess li ma jkunx ħares il-jedd għal smigħ xieraq (ara **Victoria Cassar v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2019);*

*41.Dan il-prinċipju ġie mtenni bosta drabi anke mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem f'applikazzjonijiet imressqa kontra Malta. Hekk per eżempju ......*

*42. F'dan il-każ, din il-qorti trid tgħarbel jekk seħħx ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq u mhux jekk il-qrati kriminali interpretawx sew il-liġi kriminali meta qalu li x-xiehda mogħtija minn Simon Linton Lancto hija waħda ammissibbli. Kif tenniet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Joseph Bellizzi et v. Awtorità Marittima ta' Malta et** deċiża fis-27 ta' Frar, 2009, mhuwiex l-irwol u lanqas il-funzjoni ta' qorti mogħnija b'kompetenza kostituzzjonali li toqgħod tirrevedi allegati żbalji mwettqa minn xi qrati oħra (ara wkoll **Valfracht Maritime Co. Ltd. v. Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru, 2006 u **Nazzareno Muscat et v. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2010);*

*43.Anke jekk Ramon Fenech jista' ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta ħalliet ix-xiehda ta' Simon Linton Lancto fl-atti tal-kawża kriminali, u anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet ħadet żball fl-interpretazzjoni tagħha tal-liġi kriminali meta ħalliet din ix-xiehda, is-setgħa kostituzzjonali ta' din il-qorti hija limitata biss biex tara jekk din is-sentenza tħarisx il-jedd ta' smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Kull konsiderazzjoni oħra tmur lil hemm mill-kompetenza tagħha (ara **Emanuela Brincat v. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Frar, 1996):*

*44.M'hemmx għalfejn illi ngħidu, huma l-qrati kriminali biss li għandhom il-kompetenza esklussiva li jistudjaw u jiddeċiedu dwar l-interpretazzjoni tal-liġi kriminali u l-applikazzjoni tagħha fil-każijiet imressqa quddiemha. Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Miriam Borġ et v. Emmanuel sive Lino Grech nomine et** mogħtija fid-9 ta' Mejju, 1996 li,*

> *"l-interpretazzjoni tal-liġi penali hija l-kompitu tal-qrati b'ġurisdizzjoni kriminali, mhux ta' din il-qorti, li ma hix qorti ta' appell kriminali. Il-kompitu*

> *ta' din il-qorti, jekk il-partijiet jidhru quddiemha fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, jkun li tara jekk il-konsegwenzi ta' dik l-interpretazzjoni tal-liġi penali mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali jmorrux kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea, li huma ġerarkikament ogħla mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali".*

*45.Issa fir-rikors kostituzzjonali tiegħu, Ramon Fenech mhuwiex qiegħed jilmenta mill-fatt li l-qrati kriminali interpretaw b'mod ħażin il-liġijiet kriminali iżda qiegħed jilmenta mill-fatt, li fil-fehma tiegħu ż-żamma tax-xiehda ta' Simon Linton Lancto fl-atti tal-kawża kriminal hija bi ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**;*

*46.Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma ntalbitx tiddeċiedi jekk skont l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** huwiex possibbli li l-prosekuzzjoni ġġib bħala prova x-xiehda mogħtija minn ko-akkużat. Dak li ntalbet tiddeċiedi l-Qorti tal-Appell Kriminali huwa jekk din ix-xiehda tistax titressaq skont il-**Kap 9** u **31 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

*47.F'dan is-sens għalhekk, din il-qorti ma tistax tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat minħabba li Ramon Fenech mhuwiex qiegħed jitlob lil din il-qorti tirrevedi xi ħaġa li ġa ġiet deċiża mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda, qiegħed jitlob li din il-qorti tiddeċiedi jekk iż-żamma tax-xiehda ta' Simon Linton Lancto skont kif din ġiet interptretata l-liġi kriminali, hijiex kompatibbli mal-jedd ta' smigħ xieraq;*

*48.Il-qorti sejra għalhekk tissokta biex tqis il-**mertu tal-ilment** ta' Ramon Fenech, viz. jekk huwiex ipprojbit taħt l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, li f'kawża kriminali tinġieb bħala prova x-xiehda ta' ko-akkużat;*

*49.B'mod ġenerali dawn iż-żewġ artikoli jidħlu fix-xena: (i) meta ma jkunx hemm qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali; (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża; (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati; (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża; (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet li jkunu qed jitlewmu fil-kawża; (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss; u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni;*

*50.B'żieda ma' dan, f'każijiet ta' proċeduri kriminali, dawn l-artikoli jistgħu jiġu invokati wkoll fejn il-bniedem akkużat: (i) ma jgawdix mill-preżunzjoni tal-innoċenza; (ii) ma jiġix mgħarraf dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu; (iii) ma jkollux iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża tiegħu; (iv) ma jingħatax id-dritt li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali; (v) ma jgawdix mill-jedd li ma jinkriminax ruħu; (vii) ma jkollux id-dritt li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jikseb l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet*

*bħax-xhieda tal-prosekuzzjoni; u (viii) ma jingħatax servizzi b'xejn ta' interpretu fl-eventwalità li l-proċeduri kriminali jitmexxew b'ilsien li huwa ma jifhimx;*

*51.Kif ingħad aktar 'il fuq, l-ilment ta' Ramon Fenech jolqot is-siwi tax-xiehda ta' Simon Linton Lancto, li kien ko-akkużat fil-mument li huwa xehed fis-16 u fis-17 ta' Frar, 2011;*

*52.Dwar dan l-ilment, din il-qorti tara li jidher li qiegħed jaħrab lil Ramon Fenech, li d-dispożizzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem ma jirregolawx l-ammissibilità tal-provi nfushom, jew kif dawn il-provi għandhom jinġabru jew jiġu ppreżentati. Dawn id-dispożizzjonijiet jitolbu biss li b'reazzjoni għall-provi li tressaq il-prosekuzzjoni, l-akkuzat ikollu f'xi stadju l-opportunità li jikkontroeżamina x-xhieda tal-prosekuzzjoni b'referenza għal dak li jkunu qalu dwaru u kif ukoll li jkollu l-opportunità li jipproduċi u jeżamina xhieda mressqa bħala difiża, bl-istess mod u taħt l-istess kundizzjonijiet bħalma l-prosekuzzjoni tipproduċi u teżamina xhieda kontrih (ara* ***Gaetano Busuttil v. Onorevoli Prim Ministru et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Diċembru, 1997, aktar ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1998);*

*53.Bħalma ġie mtenni fis-sentenza* ***Carmelo Camilleri v. Onor. Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 1999,*

> *"Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti allura, li tindaħal fl-apprezzament tal-provi sakemm tkun sodisfatta li l-proċess ikun wieħed xieraq li jirrispetta l-prinċipju tal-"equality of arms" u li jakkorda d-dritt lill-akkużat għal "adversial trial" li fih f'kull ħin il-Prosekuzzjoni u d-Difiża jkollhom l-opportunità ta' kontroll sħiħ fuq il-provi prodotti u s-sottomissjonijiet magħmula waqt it-trattazzjoni. Hi għalhekk din il-kwalità ta' "fairness" tal-proċess illi din il-Qorti għandha d-dover li tassigura u tittutela u mhux li tissindika l-mod kif ir-regoli ta' proċedura kriminali, li l-Qrati b'dik il-kompetenza huma obbligati li japplikaw inklużi dawk li jirregolaw evalwazzjoni u l-apprezzament tal-provi, ikunu ġew interpretati u applikati fil-każ taħt eżami. "According to the Convention organs in jurisprudence "whether the jury and the Court had appreciated the evidence correctly or not is a question on which they are not called upon to pronounce" (**Neilson v. Denmark**). The Convention organs do not sit as a fourth instance Court and their task is limited to determining whether evidence for and against the accused has been presented in such a manner and the requirements of a fair trial have been observed." (**Starvos** ibid pages 222 et seq)."*

*54.Ta' min jgħid li din is-sentenza kostituzzjonali ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza* ***Carmel Camilleri v. Malta*** *deċiża fis-16 ta' Marzu, 2000, fejn ingħad hekk,*

> *"The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them.* ***The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether***

> ***statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair*** *(see the* ***Doorson v. the Netherlands*** *judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 470, § 67; the* ***Edwards v. the United Kingdom*** *judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, § 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned* ***Doorson*** *judgment, p. 472, § 78)";*

*55.Dan kollu reġa' ġie mtenni mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Mark Charles Kenneth Stephens v. Malta*** *mogħtija fl-14 ta' Jannar, 2020 fejn ingħad li, «The Court reiterates that under Article 6, it is not the Court's role to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence may be admissible»;*

*56.Issa jekk wieħed iħaddem l-imsemmija prinċipji għall-każ li l-qorti għandha quddiemha, wieħed ma jistax ħlief jasal għall-konklużjoni, li l-fatt waħdu li Simon Linton Lancto seta' kien ko-akkużat fil-mument li huwa ta x-xiehda tiegħu fis-16 u fis-17 ta' Frar, 2011, dan ma jnawwar xejn mill-jedd ta' smigħ xieraq taħt l-****artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u l-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea****. Imkien f'dawn l-artikoli tal-liġi ma hemm imniżżel li ko-akkużat ma jistax jixhed kontra ko-akkużat ieħor;*

*57.Huwa minnu li l-liġi tagħti ċerti vantaġġi lill-akkużat, u dawn il-vantaġġi huma mħarsa mil-liġijiet fundamentali, iżda fost dawn il-vantaġġi ma hemmx dak li l-akkużat għandu l-jedd li jagħżel ix-xiehda li tista' tressaq il-prosekuzzjoni;*

*58.Ir-rikorrent donnu jrid jindaħal mhux biss fid-drittijiet iżda wkoll fid-dmirijiet tal-prosekuzzjoni, fosthom dawk li tressaq quddiem il-qorti x-xhieda kollha rilevanti li tkun taf bihom. Madankollu, dan il-jedd ta' veto fuq il-provi li tista' tressaq il-prosekuzzjoni mhuwiex imsemmi la fl-****artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u lanqas fl-****artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea****;*

*59.F'dan il-kuntest, ir-rikorrent ma jistax isib wens fl-argument, li jekk ix-xiehda ta' Simon Linton Lancto tibqa' fl-atti kriminali, huwa jista' jiġi ppreġudikat biha waqt il-ġuri. L-akkużat m'għandux dritt fundamentali għal kull vantaġġ li jista' jwassal għall-ħelsien tiegħu. Barra minn hekk, id-dritt ta' smigħ xieraq ma jiġix nieqes għall-fatt biss li akkużat jista' jinstab ħati minħabba xiehda li tista' tkun kontrih;*

*60.Huwa bil-wisq ċar li r-rikorrent irid li titneħħa x-xiehda ta' Simon Linton Lancto mhux biex ikollu smigħ xieraq, iżda, biex titneħħa prova mill-atti kriminali li hemm mnejn tista' twassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu. Din iżda mhijiex xi ħaġa li jista' jikseb ir-rikorrent mill-****artikolu 39***

***tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** *u/jew l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea***;*

*61.Jgħodd ħafna hawnhekk dak li ngħad fis-sentenza* ***Emmanuel sive Leli Camilleri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Ottubru, 1999 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru, 2000, li biex ikun hemm ksur tad-dritt fundamentali, dan il-preġudizzju jrid ikun għad-dritt ta' smigħ xieraq, u mhux għall-interess li għandu kull akkużat li jinħeles mill-akkużi. Il-fatt li xi xiehda li tinġieb kontra min hu akkużat biex turi l-ħtija tiegħu tista' tkun ta' preġudizzju għall-interess tiegħu, ma jfissirx li, għalhekk biss, tkun qiegħda ċċaħdu minn smigħ xieraq;*

*62.Ir-rikorrent qiegħed, essenzjalment, jistieden lill-qorti li tgħid li kull ma jista' jwassal biex is-sentenza tmur kontra tiegħu hija ksur ta' dritt fundamentali tiegħu għax hemm ċans li tagħmel ħsara lill-interessi tiegħu. Dan iżda huwa argument għalkollox żbaljat. Il-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs (equality of arms) fil-proċeduri penali jfisser li x-xiehda mressqa mill-prosekuzzjoni trid titressaq fil-preżenza tal-akkużat: (i) sabiex dan ikun jaf fuqiex huma mibnija l-akkużi miġjuba kontrieh; (ii) sabiex ikun jista' jwaqqa' jew imeri din ix-xiehda billi jressaq provi tiegħu; u (iii) sabiex ikun jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda. Ma jfissirx, iżda, li l-akkużat jista' jżomm lill-prosekuzzjoni milli tressaq ix-xiehda li tkun materjali għall-każ u li tkun ammissibbli skont il-liġijiet proċedurali;*

*63.Sewwasew f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ġiex imċaħħad minn dawn il-jeddijiet proċedurali. Ir-rikorrent kellu kull opportunità meta Simon Linton Lancto xehed fis-16 u fis-17 ta' Frar, 2011, li jekk irid jagħmillu l-kontro-eżami fuq dak li xehed, iżda għar-raġunijiet tiegħu r-rikorrent għażel li dakinhar ma jagħmillux mistoqsijiet u rriżerva li jagħmel il-kontro-eżami aktar 'il quddiem. Barra min hekk, waqt il-ġuri r-rikorrent ħa jkollu kull jedd li jressaq kull prova li jixtieq biex iwaqqa' jew imeri x-xiehda li seta' ta Simon Linton Lancto u mbagħad tkun f'idejn il-ġurati li jaraw lil min għandhom jemmnu. Fl-aħħar nett, jekk Simon Linton Lancto jitressaq bħala xhud waqt il-ġuri, kif donnu għandha l-ħsieb illi tagħmel il-prosekuzzjoni, ir-rikorrent ħa jkollu l-jedd li jekk irid jagħmillu l-kontro-eżami u jagħmillu mistoqsijiet dwar dak li xehed quddiem il-qorti istruttorja;*

*64.Jiġi b'hekk, li din il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li r-rikorrent ma rnexxilux juri li seħħ jew li x'aktarx sejjer iseħħ ksur tal-jedd tiegħu tas-smigħ xieraq, jekk bħala parti mill-provi fl-atti kriminali tinżamm ix-xiehda mogħtija minn Simon Linton Lancto fis-16 u fis-17 ta' Frar, 2011 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;*

*65.Il-qorti tagħlaq billi tgħid li hija tasal biex taqbel mal-Avukat tal-Istat, li din il-kawża x'aktarx saret bi ħsieb suspettuż għaliex ir-rikorrent ma messux ħa ħames snin, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, biex jerġa' jqajjem il-kwistjoni dwar l-inammissibbilità tax-xiehda ta'*

*Simon Linton Lancto. Madankollu l-qorti ma tħossx li din il-kawża għandha titqies bħala fiergħa u vessatorja biżżejjed biex il-qorti timponi d-divjet tal-jedd ta' appell skont l-**artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalkemm din il-qorti tittama li l-kwistjoni kostituzzjonali tieqaf hawn u l-ġuri jsir ħalli l-kawża kriminali forsi tasal għat-tmiem tagħha;*"

7. B'rikors preżentat fis-16 ta' Novembru 2022 l-attur appella mis-sentenza filwaqt li l-Avukat tal-Istat wieġeb fit-2 ta' Diċembru 2022 u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta:

*"3.5 Illi, kif rilevat, l-ilment ta' leżjoni ta' dritt ta' smigħ xieraq tal-Appellant Fenech ma jirrigwardax u ma huwiex msejjes biss fuq nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' equality of arms fil-proċeduri fil-konfront tiegħu, kif ser jiġi spjegat;*

*3.6 Illi dak li propju qiegħed jilmenta dwaru l-Appellant huwa l-fatt mhux kontestat illi ġiet prodotta prova miġbura kontra l-liġijiet u l-ġurisprudenza nostrana, liema prova, minkejja illi ġiet miġbura kontra d-disposizzjonijiet tal-liġi, sejra eventwalment tintuża bħala prova kontra l-istess Appellant;*

*3.7 Illi dan kien il-punt illi l-Appellant kien qiegħed jitlob lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha biex tindaga, u mhux biss jekk jeżistix stat ta' nuqqas ta' equality of arms fil-proċeduri odjerni;*

*3.8 Illi l-Ewwel Qorti għalhekk ma daħlitx sewwa sew fl-ilment tal-Appellant Fenech, u ċioe' jekk ix-xhieda ta' Simon Linton Sancto, li dakinhar li xehed fil-kumpilazzjoni kontra l-Appellant kellhu status ta' ko-akkużat, jekk dan il-fatt, u ċioe' l-użu ta' xhieda ammessa kontra l-liġijiet nostrana, twassalx jew potenzjalment twassalx għal-preġudizzju u leżjoni tad-dritt fondamentali għal-smigħ xieraq hekk kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (**Konvenzjoni Ewropea**) u ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (**il-Kostituzzjoni**);*

*3.9 Illi in fatti l-ilment ta' Fenech huwa bbażat fuq l-overall fairness tal-proċeduri kontriħ in vista tal-fatt li xehed Linton Sancto meta kellu status ta' ko-akkużat;*

*3.10 Illi dak li qiegħed jilmenta minnu l-Appellant huwa essenzjalment fir-rigward ta' dak li jipprovdi għalih l-Artikolu 636 (b) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:*

> *"Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –*
>
> > *(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed"*

*3.11 Illi l-Qrati nostrana jinterpretaw din id-disposizzjoni a contrariu sensu bil-mod segwenti, hekk kif spjegat aħjar fid-digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru, 1998 fil-proċeduri fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farruġia'**, fejn il-Qorti qalet:*

> *"Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra dak l-akkużat l-ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor <u>sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż</u> u li dan il-prinċipju japplika sija jekk dik il-persuna tkun ġiet akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor – b'mod li jkun hemm 'ko-akkużati' fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkużata fi proċeduri separati. Il-bażi ta' dan il-prinċipju hu l-argument 'a contrario sensu' li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali".*

*3.12 Illi din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 636 (b) tal-Kodiċi Kriminali hija tant fondamentali għal-proċeduri penali u r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja li fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit et.**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat li huwa punt ta' dritt ta' ordni pubbliku u għalhekk saħsansitra sollevabbli mill-Qorti ex officio. Il-Qorti testwalment qalet is-segwenti: -*

> *"Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata kemm fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-ieħor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż".*

*3.13 Illi l-prinċipju illi non osservanza ta' liġijiet domestiċi jista' iwassal għal-leżjoni ta' dritt smigħ xieraq ġie trattat diversi drabi mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (**QEDB**);*

*3.14 Illi l-punto di partenza tal-kunsiderazzjonijiet tal-QEDB huwa, li l-QEDB ma tidħolx fil-kwistjoni ta' jekk tipi partikolari ta' evidenza – per eżempju, provi miksuba illegalment ai termini ta' liġi domestika – humiex ammissibbli. Lanqas del resto ma huwa l-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Minkejja dan, il-Qrati li huma mitluba jikkunsidraw ilment ta' indoli kostituzzjonali iżda għandhom jagħmlu assessement ta' jekk il-proċedimenti kollha kemm huma, <u>inkluż il-mod li bih inkisbet l-evidenza</u>, kienux ġusti u humiex skond il-liġi tal-pajjiż;*

*3.15 Illi, per eżempju, f' **Ayetullah Ay v. Turkey**, il-QEDB ġiet mitluba inter alia tikkunsidra jekk evidenza miġbura wara tfittxija illi saret ġewwa r-residenza tal-applikant, liema tfittxija kienet ġiet magħmula kontra l-liġijiet proċedurali tal-pajjiż, sarrfitx f'leżjoni ta' dritt......*

*3.19 Illi fl-ilment odjern, l-Appellant qiegħed jiġi rinfaċċat bi prova, ossia testimonjanza, fl-atti proċesswali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu meħuda llegalment, u ċioe' minn persuna li għandu relazzjoni ta' ko-akkużat magħha skond il-liġi u persuna li, meta xehdet waqt il-kumpilazzjoni kienet għadha passabbli piena;*

*3.20Illi l-Ewwel Qorti fis-Sentenza qieset li ma hemmx u ma hemmx lanqas il-possibilita' li l-Appellant isofri leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu meta fil-ġuri tiegħu din it-testimonjanza ser tibqa' tikkostittwixxi stat ta' prova u għaldaqstant, waqt il-ġuri, l-Appellant ser ikun marbut b'tali prova. L-Ewwel Qorti ssostni illi, ladarba l-Appellant kellu dritt ta' kontro-eżami quddiem il-kumpilazzjoni u ladarba Simon Linton jista' jitressaq bħala xhud fil-ġuri (u għalhekk id-difiża tista' tagħmillu kontro-eżami), donnu hemm biżżejjed procedural safeguards biex jimmilitaw l-iżball tal-prosekuzzjoni li tressaq xhud kontra regola proċedurali mportantissima;*

*3.21 Illi dak li donnu jaħrab lill-Ewwel Qorti huwa li dakinhar meta xehed Simon Linton, ftit jiem qabel ma ingħata sentenza (fejn tajjeb li ngħad, għamel ammissjoni u ffirma l-patteġjament tiegħu aktar tard dakinhar stess), l-istess Simon Linton kellu nteress li jeżaġera il-fatti fil-konfront tal-Appellant.......*

*3.22Illi b'kull rispett, inutli għalhekk jingħad illi d-difiża għandha dritt li tagħmel il-kontro-eżami lil Simon Linton quddiem il-ġurati, u li donnu l-Appellant għandu kull ċans "isewwi" difett proċedurali magħmul waqt il-kumpilazzjoni waqt il-ġuri, liema prova **waħedha** għandha piż sine qua non fil-proċeduri kontra l-Appellant u hija suffiċjenti biex il-ġurat jibbaża l-ġudizzju tiegħu fuqha (vide, f'dan is-sens, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs. Edwin Bartolo** u s-sottomissjonijiet magħmula fuq dan il-punt fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Appellant quddiem l-Ewwel Qorti, pp. 10-11);*

*..........*

*3.25 Illi, għahekk, tenut kont is-suespost, u ċioe':*

*i. Illi r-regola proċedurali hekk kif nterpretata fuq medda ta' iktar minn 150 sena fin-norma penali nostrana hija illi ko-akkużat mhux xhud komptetenti sakemm isiru red judicata l-proċeduri fil-konfront tiegħu;*

*ii. Il-ko-akkużat Simon Linton Lancto xehed qabel ma ntemmu l-proċeduri fil-konfront tiegħu, u wara li xehed niżel jiffirma l-*

*patteġjament għal piena li kienet ser tingħata lilu hekk kif miftiehem mal-Avukat Ġenerali u, allura, kellhu interess li jixhed kif xehed, u għaldaqstant, fi kliem il-QEDB "doubt could be cast upon the reliability and accuracy of that evidence...";*

iii. *Din ix-xhieda ta' Simon Linton Lancto hija prova sostanzjali kontra l-Appellant, li jaf tkun meqjusa sostanzjali f'għajnejn il-ġurati bir-riskju illi, kwalsiasi prova u/jew kontro-eżami tad-difiża ma jkunx biżżejjed biex jinnewtralizza tali prova".*

Konsiderazzjoni.

9. B'din il-kawża l-attur qiegħed jilmenta dwar xhieda li ngħatat minn Simon Linton Sancto li xehed waqt il-kumpilazzjoni **l-Pulizija v. Ramon Fenech**, fis-seduti tas-16 u 17 ta' Frar 2011. L-attur għandu proċeduri kriminali kontrih fejn akkużat bi traffikar ta' droga *ecstasy*. Fir-rikors promotur l-attur ippremetta li dak li xehed Sancto mhuwiex ammissibbli bħala prova kontrih peress li meta xehed kien għad hemm proċeduri kriminali kontrih konnessi mal-każ tal-attur. Isostni li l-użu ta' dik ix-xhieda bħala prova kontrih hi *"10.... kontra l-liġi u l-ġurisprudenza"* (ara wkoll paragrafu 3.2 tar-rikors tal-appell), u li wassal jew ser iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Rilevanti li f'dan ir-rigward tiġi riprodotta dik il-parti mir-rikors promotur fejn l-attur spjega l-ilment:

*"7. Illi l-inammissibilita tax-xhieda ta' imputat kontra imputat ieħor tifforma l-qofol tal-Liġi Penali Maltija tant li fil-1998 kieent il-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) stess li ex officio u mingħajr ebda talba ta' ebda parti ddikjarat ix-xiehda ndikati mill-Avukat Ġenerali u l-akkużati, li ngħatat meta l-proċess tagħhom kien għadu sub judice jew li l-proċess tagħhom kien għadu sub judice, inammissibbli;*

*8.Illi l-ostakolu għall-produzzjoni ta' koimputat ma hix proprjament il-fatt li huwa jkun ħa parti fil-kommissjoni tar-reat, imma l-fatt li huwa jkun għadu passibbli ta' piena, u minħabba f'hekk interessat jew inklinat li*

> *jaltera l-verita' biex jaħbi jew inaqqas ir-responsabbilta' tiegħu billi jakkollaha fuq l-akkużat;*
>
> *9.Illi l-overall fairness tal-proċeduri u l-preġudizzju huwa amplifikat bil-fatt li din ix-xhieda hija l-unika prova kontra l-esponent b'dan li l-prosekuzzjoni ser tistieden il-ġurati jibbażaw il-verdett tagħhom fuq din ix-xiehda irregolarment miġbura;*
>
> *10.Illi l-produzzjoni u l-eventwali użu ta' prova miġbura kontra l-liġi u l-ġurisprudenza wassal, qiegħed iwassal, u ser ser iwassal għal preġudizzju u leżjoni tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq .....".*

10. Mill-provi li tressqu ma ntweriex li meta Sancto xehed fis-seduti tas-16 u 17 ta' Frar 2011 fil-kumpilazzjoni, l-attur oġġezzjona li skont il-liġi kriminali x-xhud ma kienx xhud kompetenti.

11. Wara li nħareġ l-att ta' akkuża kontra l-attur, ressaq *inter alia* l-eċċezzjoni li dak li xehed Sancto mhuwiex ammissibbli bħala prova għaliex fil-mument li ngħatat kellu jitqies bħala ko-akkużat fit-termini tal-liġi kif interpretat mill-ġurisprudenza lokali, peress li l-każ tiegħu kien għadu *sub judice*. L-oġġezzjoni tal-attur hi bażata fuq l-Art. 636(b) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> *"Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba –*
>
> *...........*
>
> *(b) li kien imputat tal-istess reat li fuqu tkun meħtieġa x-xhieda tiegħu, meta l-Gvern ikun wegħdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed".*

12. F’dan ir-rigward l-attur għamel referenza għal deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali, **<u>ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Zammit et</u>** (31 ta’ Lulju 1998) u **<u>r-Repubblika ta’ Malta v. Ian Farrugia</u>** (22 ta’ Diċembru 1998).

13. B’sentenza tat-2 ta’ Ġunju 2016 il-Qorti Kriminali ċaħdet dik l-eċċezzjoni, wara li rraġunat:

> *“.......... Illi l-hames eccezzjoni tolqot ix-xhieda guramentata tax-xhud tal-prosekuzzjoni Simon Linton Sancto u ix-xhieda moghtija minnu fil-kors tal-kumpilazzjoni billi fil-fehma tad-difiza tali xhieda hija inammissibli in kwantu fil-mument li nghatat dan ix-xhud kellu jitqies bhala ko-akkuzat fit-termini tal-ligi kif interpretata mill-gurisprudenza taghna, billi f’dak iz-zmien il-kaz tieghu kien ghadu ma ghaddiex in gudikat. Illi mill-atti kumpilatorji johrog illi Simon Linton Sancto kien a tempo vergine, u cioe’ fit-30 ta’ Settembru 2010, offra x-xhieda tieghu fit-termini ta’l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll iddepona viva voce quddiem il-Qorti Istruttorja fis-16 ta’ Frar 2011. Il-kaz tieghu, imbaghad gie deciz u ghadda in gudikat fil-21 ta’ Frar 2011.*
>
> *Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f’idejn l-investigatur sabiex ikun jista’ jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal- ko-akkuzat. Illi l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 jipprovdi espressament illi: “Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f’xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem maġistrat u kull xiehda li dik il-persuna tagħti quddiem qorti tista’ tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b’reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b’theddid jew b’biża’, jew b’wegħdiet jew bi twebbil ta’ vantaġġi.”*
>
> *Premess dan allura “... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta’ kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F’dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta’ Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta’ akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule,*

*these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"*

*Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas- salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: "Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."*

*Issa allura dan ifisser illi ai termini ta'l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31 Simon Linton Sancto ghandu jitqies illi huwa 'a competent witness' fil-konfront ta'l- akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huwa offra id-deposizzjoni tieghu kien ghadu jitqies bhala ko-akkuzat billi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu certu huwa illi sakemm il-kaz tieghu gie deciz Sancto ma kienx 'a compellable witness' u cioe' ma setax jigi imgieghel jaghti id- deposizzjoni tieghu billi kellu id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il- Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma iwiegeb ghall- ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminah. Fil-fatt meta huwa offra id- deposizzjoni tieghu fis-16 ta' Frar 2011, huwa gie moghti it-twissija skont il- ligi, izda ghazel li jaghti x-xhieda tieghu fejn anke ikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni guramentata li kien offra fit-30 ta' Settembru 2010 ai termini ta'l-artikolu 121B tal-Kapitolu 31. F'din is-seduta l-akkuzat kien prezenti u kellu kull dritt jaghmel il-kontro-ezamijiet necessarji ai fini ta' kontroll ta' dak li kien qed ighid ix-xhud u dan fit-termini ta' dak superjorment deciz fil-kawza supra citata Il-Pulizija vs Pierre Gravina. Di piu', issa li l-kaz tax-xhud Sancto gie deciz u ghadda in gudikat ma hemm xejn x'josta lil dan ix-xhud milli joffri id-deposizzjoni tieghu fl-istadju tal-guri u dan dejjem bil-kawteli stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser allura illi ix- xhieda ta' Sancto ma tista' qatt titqies bhala xhieda inammissibbli fit-termini tal-ligi. Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda".*

14. L-attur appella u b'sentenza tat-23 ta' Frar 2017 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell. Ir-raġunament ta' dik il-Qorti kien li l-proċeduri kriminali kontra Sancto kienu ntemmu u kien hemm *res judicata,* u għalhekk f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda ostakolu sabiex dak li

xehed Sancto fis-16 u 17 ta' Frar 2011, iservi bħala prova fil-kawża kontra l-attur. Fil-fatt b'sentenza tal-21 ta' Frar 2011 fil-kawża **r-Repubbblika ta' Malta v. Simon Linton Sancto**, il-Qorti Kriminali kkundannatu għal 10 snin priġunerija għar-reat ta' traffikar ta' droga. Mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hu ċar kristall li ma qablitx mat-teżi tal-attur li billi fiż-żmien meta xehed Sancto l-proċeduri kriminali kontrih kienu għadhom pendenti, allura skont il-liġi kriminali dak li xehed mhux ammissibbli bħala prova. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:

> *"17. Fil-każ in eżami, peress illi d-droga in kwistjoni hi regolata mill-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa applikabbli l-artikolu 121B li, bħall-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, irendi l-imsemmi artikolu 121B eċċezzjoni għall-artikolu 661 biss. Għalhekk, bħalma jipprovdi l-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali, "ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce", salv f'dawk iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal- Kodiċi Kriminali. Għalhekk ukoll, fejn ma jkunux ġew terminati definittivament il-proċeduri kontra x-xhieda, hu applikabbli a contrario sensu l-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali.*
>
> *18. Issa, fil-każ odjern, meta x-xhud Simon Linton Sancto xehed fl-Istruttorja, il-proċeduri kontra tiegħu kienu għadhom ma ġewx terminati. Jirriżulta li huwa mhux biss xehed fl-Inkjesta Maġisterjali iżda xehed anke minn rajh quddiem il-Qorti Istruttorja wara li ngħata twissija minn dik il-Qorti u l-akkużat kellu l-opportunita` li jikkontroeżaminah iżda minflok għażel li jirriserva (ara fol. 138 ta' l-atti ta' l-Istruttorja). Pero` din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal f'digriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia dwar talba li saret biex jixhed ċertu Carmel Attard:*
>
> ......
>
> *19. F'dan il-kaz il-proċeduri kontra x-xhud Simon Linton Sancto għaddew in ġudikat, u huwa l-ħsieb tal-prosekuzzjoni li tipproduċieh bħala xhud. Konsegwentement il-posizzjoni hi li x-xiehda ġuramentata li huwa ta fl-Inkjesta Maġisterjali u dik li ta fl-Istruttorja hi issa ammissibbli bħala prova għall-finijiet ta' kontroll jew konfront. Meta jiġi hekk prodott l-imsemmi Simon Linton Sancto, il-valur probattiv tax-xiehda mogħtija preċedentement minnu hi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Pierre Gravina mogħtija fis-26 ta' Mejju 2003 minn din il-Qorti fis-sede inferjuri tagħha:*

*""L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l- Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix- xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud. Ifisser biss li, bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il- qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

*"'does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.'"*

*20. Naturalment jitfakkar ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali*."

15. L-Art. 639(3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

*"Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."*

16. Hu fatt li skont l-Art. 646(2) tal-Kodiċi Kriminali x-xhieda li ta Sancto matul il-kumpilazzjoni hi fiha nnifisha prova. Madankollu skont subinċiż (1) xorta ser ikollu jiġi eżaminat fil-qorti u *viva voce,* sakemm ma sseħħx xi waħda mir-raġunijiet li tissemma f'dak l-artikolu.

17. Il-Qorti tosserva li l-fatti fiż-żewġ sentenzi li għamel referenza għalihom l-attur, ma kinux bħal dawk tal-kawża tal-lum.[1] Fil-każ ta' Farrugia kienet saret talba quddiem il-Qorti Kriminali sabiex tawtorizza *ai termini* tal-Art. 440 tal-Kodiċi Kriminali s-smigħ ta' xhud wara li kien inħareġ l-att ta' akkuża u x-xhud ma ssemmiex fin-nota li saret mill-akkużat *ai termini* tal-Art. 438 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad fit-tieni każ ta' Zammit et, fin-nota ntalbet ix-xhieda ta' wħud mill-ko-akkużati. L-Ewwel Qorti ddikjarat dawk ix-xhieda bħala inammissibbli għaliex il-każ tagħhom kien għadu ma ġiex deċiż b'mod defenittiv.

18. L-attur lanqas m'għamel referenza għal xi ġurisprudenza kostanti u ċara tal-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali li f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum fejn allura l-każ tal-ko-awtur ikun ġie deċiż u hemm *res judicata,* u l-ko-awtur ikun xehed waqt il-kumpilazzjoni, ir-raġunament kien differenti minn dak tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-23 ta' Frar 2017.

19. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-mod kif il-Qorti Kriminali u warajha l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat il-liġi dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibilità tax-xhieda ta' Sancto fil-kawża kriminali kontra l-attur. L-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-liġi kriminali hi l-kompetenza tal-qrati

[1] Is-sentenzi huma **<u>r-Repubblika ta' Malta v. Ian Farrugia</u>** tat-22 ta' Diċembru 1998 u **<u>r-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et</u>** tal-31 ta' Lulju 1998.

ta' ġurisdizzjoni kriminali. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla u din il-Qorti mhumiex qrati tat-tielet istanza. Ċertament li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tgħid jekk dak li xehed Sancto fis-16 u 17 ta' Frar 2011 huwiex ammissibbli bħala prova skont il-liġi kriminali. Filwaqt li l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxu l-jedd għal smigħ xieraq, ma fihom l-ebda regoli dwar l-ammissibilità ta' provi. Materja regolata mil-liġi kriminali. Li hu ċert hu li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonsidrat l-argument tal-akkużat u mbagħad għamlet ġudizzju dwaru. Dan ma kienx każ fejn il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ma kkonsidrawx l-eċċezzjoni u l-argument tal-attur jew ma tawx raġuni għalfejn waslu għal dik id-deċiżjoni.

20. Min-naħa l-oħra mill-provi jirriżulta li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja:

i. Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010 Sancto għażel li ma jixhedx;

ii. Fis-seduti tas-16 u 17 ta' Frar 2011 Sancto xehed u qal li d-droga kien xtraha mingħand l-attur;

iii. Fil-21 ta' Frar 2011 il-Qorti Kriminali sabet lil Sancto ħati wara ammissjoni u kkundannatu għal 10 snin priġunerija u multa. F'dik is-

sentenza jingħad li fis-17 ta' Frar 2011 l-Avukat Ġenerali u Sancto ppreżentaw rikors li fih iddikjaraw li jaqblu li jekk l-akkużat jammetti għall-akkużi kontrih, għandu jingħata piena ta' 10 snin priġunerija u multa ta' €23,500.

21. Għalkemm dak li xehed Sancto fis-16 u 17 ta' Frar 2011 fih innifsu hu prova, l-Imħallef li jippresjedi l-Qorti Kriminali fil-ġuri ser jagħmel indirizz lill-ġurati skont l-Art. 465 tal-Kodiċi Kriminali u hemm ukoll dritt ta' appell. Dan apparti li Sancto xorta ser ikollu jixhed fil-ġuri u wieħed ma jistax joqgħod jispekula x'ser jgħid. Lanqas mhu magħruf x'jista jirriżulta minn provi oħra li jressaq l-Avukat Ġenerali jew l-attur innifsu, apparti l-fatt li l-attur ser ikun jista' jimpunja l-kredibilità ta' Sancto kemm waqt il-ġuri u kif ukoll f'eventwali appell f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Fiċ-ċirkostanzi ġaladarba l-ġuri għad irid isir, għad hemm l-opportunità li jsir stħarriġ, jitressqu provi u jsiru argumenti dwar kif sar il-patteġġjament bejn ix-xhud Sancto u l-prosekuzzjoni, f'liema stadju sar, u li dik ix-xhieda ngħatat b'wegħda jew twebbil ta' vantaġġ. Id-difiża għad għandha l-opportunità li waqt il-ġuri timpunja l-kredibilità ta' Sancto. Hu biss wara li jsir il-ġuri u jiġu konklużi l-proċeduri kriminali kollha kontra l-attur li jkun jista' jsir ġudizzju dwar dak li l-QEDB tirreferi għalih bħala l-*overall fairness of the criminal proceedings*.

22. Però kif rajna f'dan il-każ il-kwistjoni hi dwar l-ammissibilità tax-xhieda ta' Sancto bħala prova minħabba li l-attur isostni li skont il-liġi kriminali ma kienx xhud kompetenti meta xehed billi kien hemm proċeduri kriminali kontrih ukoll li kienu għadhom *sub judice*. Kwistjoni li ġiet trattata u ngħatat sentenza dwarha l-ewwel mill-Qorti Kriminali u mbagħad mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Proċess li fih l-attur għamel l-argumenti tiegħu u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ddeċidew. F'dak l-istadju l-attur altru milli kellu smigħ xieraq. Il-fatt li ma jaqbilx mal-konklużjoni li waslu għaliha dawk il-qrati ma jfissirx li hu vittma ta' ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

23. Fir-rikors tal-appell l-attur għamel ukoll referenza għas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Ayetullah v. Turkey** tat-8 ta' Marzu 2021. Però l-fatti ta' dak il-każ huma differenti mill-każ tal-lum. F'dak il-każ kien sar *search* mingħajr ma ġew osservati r-rekwiżiti tal-liġi kriminali u għalkemm sussegwentement approvata minn qorti f'Istanbul, fid-deċiżjoni ma ssemmiex oġġett li kien ittieħed waqt is-*search* (ara paragrafu 145 ta' dik is-sentenza). Nuqqas fis-sentenza li l-QEDB qalet jagħti lok għal dubju dwar il-kontenut tar-*records* relatati mas-*search-and-seizure* li kien sar. Fil-każ tal-lum il-kwistjoni dwar l-ammissibilità ta' dak li xehed Sancto bħala prova fis-seduti tas-16 u 17 ta' Frar 2011 ġiet ikkonsidrata u determinata b'mod finali mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**<u>Deċiżjoni</u>:**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jieħu ħsieb jibgħat kopja awtentika ta' din is-sentenza lill-Qorti Kriminali li quddiemha tinsab il-kawża **<u>r-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech</u>** (att tal-akkuża numru: 17/2014).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm